**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 553/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**SD**

**Vs**

**AQ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SD datat 17 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin (25.06.1988) ara Dok. SD1;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt' itfal u cioe C li twieled nhar X u A D li twieled nhar Y b'dana li llum iz-zewg t'itfal ghandhom X u Y rispettivament.*

3. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom de jure legalment separati mit-tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (02.09.2010) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Reuben Debono (ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. SD 2);*

ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xuxlin;*

iii. *Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

4. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala 'Dok. SD3'.*

5. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fil-25 ta' Gunju 1988 (25.6.1988);*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar is-7 ta' Lulju 2022 l-intimata dehret mhux assistita u l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha izda hi ddikjarat illi ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju b'dana illi l-attur jkopri l-ispejjes kollha ta dawn il-proceduri (vide fol 24);

Rat illi l-attur, kif assistit iddikjara illi kien lest jkopri l-ispejjes kollha inkluz dawk tal-intimata (vide fol 26);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 1988 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Settembru 2010 fl-atti tan- Nutar Dr Reuben Debono. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 27) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 1988, liema zwieg jgib certifikat numru 1104/1988 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4 et seqq.). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono nhar it-2 ta' Settembru 2010 (vide Dok SD2 fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1104/1988 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**